TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 139/11

**Joseph Farrell**

**vs**

**K-Optics – Keith Camilleri**

Illum 2 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' mija u disgħa u disgħin ewro (€199), rappreżentanti prezz ta' nuċċali *frameless* illi l-lenti tiegħu nkissru diversi drabi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara nuċċali *frameless* mingħand id-ditta intimata u li l-lenti tiegħu nkissru diversi drabi.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta illi n-nuċċali huwa delikat ħafna peress illi huwa *frameless* u allura qabillu jieħu wieħed bil-*frame* u li kien lest jagħtih skont ta' tletin fil-mija (*30% discount*) fuq dak in-nuċċali bil-*frame*, liema offerta r-rikorrenti m'aċċettax.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonkludi illi huwa minnu li nuċċali *frameless* huwa delikat u li għalhekk jidher illi r-rikorrenti għamel użu ħażin minnu għax inkiser diversi drabi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, b'dan illi jekk ir-rikorrenti jiddeċiedi li jixtri nuċċali bil-*frame* għandu dik l-offerta ta' skont ta' tletin fil-mija (*30% discount*), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**